MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 374/2007

**Av. Peter Fenech (ID Nru. 67468M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Sony Corporation u tas-socjeta' estera Sony Ericsson Mobile Communications AB**

**Vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u PL Veronica Rossignaud nominati b'digriet tat-23 ta' April 2007 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta' esportatrici Zhejiang Yiwu China Small Commodities City Trading Co. Ltd u lill-kunsinjatarju SARL Chagroune et Maouche**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti** tar-**rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine issottometta:

1. Illi s-socjeta’ rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* ma’ l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea: (a) il-kelma ‘SONY’, liema dritt gie registat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000000472 (Dok SC1); (b) il-kelma ‘WALKMAN’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fid-disgha (9) ta’ Marzu 1999 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000160317 (Dok SC2); u (c) r-rapprezentazzjoni grafika ‘W’ liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Lulju 2006 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 004515003 (Dok SC3).

2. Illi s-socjeta’ rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* ma’ l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea; (a) s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-27 ta’ Marzu 2002 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1); (b) l-kelma ‘ERICSSON’ liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC2) mis-socjeta’ estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta’ attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni ta’ dritt ta’ propjeta’ intellettwali skond l-affidavit datat l-14 ta’ Novembru 2006 (Dok SEMC3);

3. Illi fil-hamsa (5) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-

rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9366180 li dahal gewwa l-Port Hieles fis-sebgha (7) ta' Frar 2007 fuq il-vapur CMA CGM MOZART liema *container* li kien fih total ta' hdax-il elf mitejn u hamsin (11, 250) accessorju tal-mobiles (Dok SC4) kollha bil-kliem 'SONY' u 'WALKMAN' u r-rapprezentanza grafika 'W.' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-mobiles, u total ta' tlett elef u hames mitt (3,500) accessorju tal-mobiles (Dok SEMC4) kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma 'ERICSSON' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-mobiles, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu dritt ta' propjeta' intellettwali;

4. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-accessorji tal-mobile inkluz l-ippakkeggjar ta' l-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward ta' l-accossorji Sony, fihom il-kliem 'SONY' u 'WALKMAN' u r-rapprezentanza grafika 'W' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali ta' Sony Corporation (DokSC5); u fir-rigward ta' l-accessorji Sony Ericsson, fihom is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u il-kelma 'ERICSSON' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB (Dok SEMC5);

5. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddettjeni l-merkanzija susspettata gewwa Malta (Dok SC6 u Dok SEMC6) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

6. Illi din il-merkanzija nqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SARL Chagroune et Maouche mill-El Eulma, Algeria, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru GZ2158956 (Dok PF1);

7. Illi l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 4 tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artiklu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414;

8. Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw il-jeddijiet taghhom;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-mobile li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm il-kliem 'SONY', 'WALKMAN' u r-rapprezentanza grafika 'W.' u accessorji tal-mobile li fuqhom hemm is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u il-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentament taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9366180 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-mobile, huma kontraffatti u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta intellettwali tas-socjeta' rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju 1998 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000000472 (Dok SC!); il-kelma 'WALKMAN', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fid-disgha (9) ta' Marzu 1999 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000160317 (Dok SC2); u r-rapprezentazzjoni grafika 'W.', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 004515003 (Dok SC3) u tas-socjeta' rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1); u l-kelma 'ERICSSON' liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC2) u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini'.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-mobile ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-mobile, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez ta’ l-intimati;

3. Tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-accessorji tal-mobile kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta’ transazzjoni;

4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta’ rikorrenti; nkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija accessorji tal-mobile ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta’ distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-dostruzzjoni finali ta’ l-istess accessorji tal-mobile.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 115 fejn issottomettew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u jirriservaw id-dritt li jressqu t-twegiba t-taghhom aktar ‘il quddiem.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavit ta’ Dr. Peter Fenech noe. u ta’ George Agius, Ufficjali tad-Dwana u d-dokumenti a fol. 45 sa 47 dwar l-awtenticita’ tal-oggetti;

Rat li dawn il-provi ma gew bl-ebda mod ikkontestati;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Mill-provi prodotti jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa'  t-talbiet attrici;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi
ghandhom jithallsu mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------